**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2016

**Talba numru 509/2015AM3**

**Numru fuq il-Lista: 27**

**Epp Aasaru (Pass No A A0539945)**

**Betsson Experience Centre, Ta' Xbiex Waterfront**

**Ta' Xbiex XBX 1027**

**Vs**

**IG Enterprises Limited (C18849) u**

**Ivan Zammit (K.I. 479166M),**

**46, Triq ix-Xatt,**

**Sliema**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici prezentata fit-23 ta' Gunju, 2015 li permezz taghha l-attrici talbet minghand is-Socjeta` attrici l-hlas ta' mija u erbgha u sittin ewro (€164) rapprezentanti

kwantu ghal hamsa u sebghin (€75) ghal kirja tal-vettura EBK-884 minghand is-Socjeta` attrici, tnejn u erbghin ewro (€42) spejjez tal-assigurazzjoni u sebgha u erbghin (€47) biex l-istess vettura giet rmonkata lura Malta u dan stante li fit-12 ta' Settembru, 2014 l-attrici kriet l-imsemmija vettura tal-ghamla Chevrolet Aveo minghand is-Socjeta' konvenuta ghal perjodu mit-12 ta' Settembru, 2014 sal-14 ta' Settembru, 2014 sabiex tkun tista titla Ghawdex ma' ommha, zijitha u l-habiba taghha izda l-vettur in kwistjoni kienet difettuza u dan ghaliex ftit sieghat wara li l-attrici bdiet issuqha din waqfet tahdem hesrem.

L-attrici prezentat il-kuntratt tal-kirja u l-ircevuta ta' mija u sbatax-il ewro (€117) a fol 7 mahruga minn IG Enterprises u ircevuta ohra ta' hamsa u sittin ewro u sebghin centezmu (€65.70c) a fol 8 spejjez ta' towing.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta a fol 14 li permezz taghhom eccepiet li l-attrici setghet tintavola kontro talba ghal kawza li l-istess Socjeta' intitolata kontra l-attrici u ghalhekk ma ghandhiex l-istess Socjeta' konvenuta tbati l-pregudizzju tal-kapriccjozita' u l-eccessi tal-attrici; li l-pretensjonijiet tal-attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt; li l-mertu jifforma l-qofol tat-talba 723/2014 fl-ismijiet inversi u ghalhekk dawn iz-zewg talbiet ghandhom jinstemghu flimkien ghall-ekonomija tal-gudizzju bl-applikazzjoni reciproka tal-provi prodotti li sofriet hi kienu kagun l-imperizja, negligenza u traskuragna fis-sewqan taghha li spiccaw ikkagunaw danni ingenti lill-konvenuti; li bla pregudizzju ghal premess il-hlas mitlub mill-attrici u li jinkludi s-somma ta' tnejn u erbghin ewro (€42) huwa l-hlas ta' kopertura assikurativa li hija uzuruwiet minnha filwaqt li kient qeghda issuq l-vettura u ghaldaqstant ma jistghux jigu inkluzi f'ebda komputazzjoni ghal-likwidazzjoni ta' danni.

Din l-kawza kienet qed timxi flimkien mal-kawza numru 723/2014 fl-ismijiet inversi u li l-provi li ngabru f'dik il-kawza jitqiesu li ingabru f'din l-kawza.

**It-Tribunal,**

Ghar-ragunijiet kollha msemmija fil-kawza 723/2014 fl-ismijiet inversi, dan it-Tribunal jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra  l-istess attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**